MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 29/2013

**Perit Chris Briffa**

**vs**

**L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamat in kawza Dott. Alexiei Dingli ghall-Kunsill Lokali Valletta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell tal-Kunsill Lokali Valletta tat-13 ta' Mejju 2013 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-2 ta' Mejju 2013 fejn laqa' l-appell tal-perit Briffa u annulla d-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Ambjent u l-Ippjanar;

Rat ir-risposta tal-perit Briffa u l-Awtorita li ssottomettew li d-decizjoni tat-Tribunal hi gusta u timmerita tigi konfermata u l-appell kellu jigi michud ghar-ragunijiet mressqa minnhom;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:
Ikkunsidra:

A. Il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Ambjent u l-Ippjanar, fid-29 t' Awissu 2012, laqghet l-applikazzjoni u harget il-permess tal-izvilupp PA 1926/11 – Peacock Garden, Triq Marsamxett, Belt Valletta: Upgrading of existing garden and proposed tourist information facility.

B. In-nota tal-Perit Chris Briffa ghall-Appellant, ipprezentata fl-10 t' Awissu 2012, senjatament il-punti segwenti:

“Material changes at EPC stage:
Although the MEPA Directorate recommended the application for approval (despite the negative comments by the CHAC outlined in the DPAR), the EPC Board at the hearing held on the 26th June 2012 requested the applicant to carry out extensive changes to the design which completely altered the appearance of the proposal. The changes requested by the EPC Board were as follows:

‘Board agreed to defer to the 24/07/2012. Architect within 10 days and without prejudice, Board is concerned regarding the high boundary wall, introduction of adverts, PV panels, extent of floor space for facilities and canopies (BEN2, UCO 6, UCO 10, UCO 7, RCO 4). Please submit fresh drawings, one set to be fully colour coded to indicate proposed changes in levels, the other set to be a 'clean' copy, removing the adverts and PV panels; regarding the perimeter wall for better eligibility of space, reducing both height and materials; reducing the floor space of facilities to the barest minimum and reduce height and visual impact; redesign equipment are in a more informal, open layout (remove planters). Design and detailing is to enhance the legibility of the space as discussed during Board Sitting. Submit

clearance from KNPD for updated drawings (prior to Board Sitting).
To PO: Please assess fresh drawings submitted by architect, update NTC, drawing numbers and supporting documents accordingly. SEO to assess.’

I would therefore like to reiterate the points raised in our objection letter which was officially sent to MEPA on the 19th July 2012 (prior to the deferred EPC hearing which was held on the 24th July 2012), which stated that:

‘The changes being proposed by the architect are of a drastic nature, especially when viewed from across Marsamxett Road, as they completely change the character of the project in respect of the drawings which were recommended for approval by the MEPA Directorate. It is in our opinion that the changes being proposed constitute a 'material change', defined in part in the Legal Notice 514 of 201 a as "a substantial change in the external appearance or design.’

It is of our opinion that the material changes being proposed affect consultations which were previously carried out by the MEPA Directorate with various bodies such as the Heritage Advisory Committee and the Superintendence of Cultural Heritage, who at this late stage do not have the chance to review the project again in order to submit their comments. Furthermore, according to LN 514 of 2010, material changes are not allowed ‘after the lapse of eight weeks from the validation date (of applications).’

These material changes could be clearly seen in the design of the elevation overlooking Marsamxett Road, which could be seen in the attached drawings. This argument was not considered valid by the EPC Board, despite the reference to LN 514 of 2010, and the permit was approved. […]

Further to this, the revised design does not do justice to the historical setting of the project, which calls for a more sensitive approach regarding design issues as well as

choice of materials. The hasty design of the shiny stainless steel railing which runs along the entire length of the site, as well as the public conveniences enclosure requested by the EPC at the first hearing - which are the predominant elements in the whole design - jar with their surroundings and are not fitting for what could possibly become Valletta's secondary entrance from the sea.”

Din in-nota taghmel riferenza ghall-ittra li l-Perit Sandro Valentino mill-ufficju tal-Perit Chris Briffa kien baghat lill-Awtorita’ bid-data tad-19 ta’ Lulju 2012 in sostenn tal-argument tal-allegat material change kif definit bl-Avviz Legali 514 tal-2010.

C. In-nota risponsiva tal-Avukat Dott. Anthony DeGaetano ghall-Awtorita’, ipprezentata fid-19 t’ Ottubru 2012, inter alia l-punti segwenti:

“Illi l-appellant qed jissottometti 'third party appeal' kontra d-decizjoni li hadet il-MEPA fejn harget permess ghal zvilupp li jikkonsisti f''upgrading of existing garden and proposed tourist information facility' fejn l-appellant odjern qed isostni li saru tibdil materjali estensivi fl-istadju tal-EPC kif ukoll li d-disinn ma jaghtix gieh lill-Bastjun maghruf bhala Salvatore;

Illi s-sezzjoni li l-appellant ehmez man-nota tal-appell tieghu fejn hu qed isejhilha bhala 'approved proposed roadside elevation (extracted from valid drawing 2d)' mhix wahda mill-pjanti approvati fil-permess PA 1926/11. Il-pjanta hekk immarkata 92d fil-file, giet sostitwita bil-pjanta mmarkata 103b li tinsab fl-istess file u li hija l-pjanta approvata fl-istess permess (vide dok. TD 1 u TD 1 b);

Illi l-appellant qed jikklassifikq t-talba li ghamlet l-EPC lill-applikant biex inaqqas mill-volum tal-izvilupp bhala bidla materjali sostanzjali meta fir-realta' dan ma jirrizultax, stante li l-Avviz Legali 514 tal-2010 jinterpreta din il-provizzjoni ta' bidla materjali sostanzjali meta jkun hemm tibdil tal-izvilupp li ma jirrizultax fit-tnaqqis izda f'zieda oltre' dak li diga hemm - il-bdil fid-disinn u l-apparenza huwa kagun awtomatiku ta' tali talba, ghalhekk ma

jikkwalifikax bhala bdil sostanzjali u per konsegwenza bhala bdil materjali;

Illi ladarba dan it-tibdil ma jsarrafx bhala bidla materjali sostanzjali, il-punt l-iehor li gab l-appellant, cjoe' li bdil materjali mhux permess wara l-gheluq ta' tmien gimghat middata li l-applikazzjoni tigi ivvalidata ma treggix stante li din il-hekk imsejjha bdil materjali qatt ma sar;

Illi rigward li d-disinn ma jaghtix gieh lill-Bastjun maghruf bhala Salvatore, din hija suggettiva u l-Awtorita' tirriserva li tidhol fiha wara li tigi rizolta l-kwistjoin tal-bdil materjali o meno."

Ikkunsidra ulterjorment:

Il-mertu ta' dan l-appell jirrigwarda appell minn terzi minn hrug ta' permess sabiex f'Peacock Garden li jhares fuq is-sur ta' Marsamxett fil-Belt Valletta, jsir l-abbelliment ta' gnien pubbliku u jinbena kjosk, cjoe' tourist information facility.

Precedentement saru bosta applikazjonijiet intizi ghat-tisbieh ta' dan l-ispazju pubbliku (PA 6629/05, PA 3773/01 u PA 2228/09), li pero' lkoll kienu gew irtirati. Recentement kienet saret ukoll applikazzjoni li originarjament giet michuda izda approvata fid-29 ta' Novembru 2011 wara li sar appell quddiem dan it-Tribunal (PA 1732/10 – appell 254/11).

L-aggravji tal-Appellant ghal-hrug tal-permess odjern huma bbazati fuq il-fatt li l-Kummissjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, nhar l-24 ta' Lulju 2012 kienet talet lill-perit tal-Aplikant sabiex jissottometti pjanti godda li inter alia jirrevedu elementi arkitettonici tad-disinn propost sabiex l-ispazju pubbliku jkun artikolat ahjar u jitnaqqas l-impatt (viziv), billi: jitbaxxa c-cint li jikkonfina s-sit; jitnehhew tabelli ta' reklami u pannelli fotovoltajici; u tonqos il-firxa estensiva tal-canopies, etc. In oltre intalab jirridisinja l-landscaping sabiex dan ikun aktar informali u jitnehhew il-planters, etc., kif originarjament proposti.

Skond l-Appellant il-proposta kif ridisinjata llum xejn ma tirrispekkja l-proposta originali, tant li tikkostitwixxi material change, kif definit bl-Avviz Legali 514 tal-2010. Skond hu, il-pjanti godda li gew sottomessi juru “a substantial change in the external appearance or design”. In oltre, billi dawn il-biddliet saru f’ perjodu ta’ zmien li jaqbez it-tmien gimghat mil-konvalidazzjoni tal-applikazzjoni, allura bl-istess Avviz Legali, tali bidliet ma kienux permessibbli, u dan anke tenut kont tal-fatt li kemm il-Cultural Heritage Advisory Committee (CHAC) fi hdan l-istess Awtorita’ kif ukoll is-Suprentendent tal-Wirt Kulturali (SCH) ma kellhomx l-opportunita’ li jikkumentaw fuq il-bidliet – allegatament sostanzjali – li saru.

In sostenn ta’ san l-argument saret riferenza ghal minuted drawing 75b – roadside elevation kif originarjament ikkunsidrata fis-seduta tal-Kummissjoni mizmuma fis-26 ta’ Gunju 2012, u l-minuted drawing 92D kif riveduta waqt is-seduta tal-istess Kummissjoni nhar l-24 ta’ Lulju tal-istess sena.

L-Awtorita’ zammet ferm l-oggezzjoni taghha u qabel xejn rilevat li l-minuted drawing 92D rilevata mill-Appellant ma tifformax parti mill-pjanti approvati bil-permess. Madankollu, giet prezentata kopja tal-pjanta 103B bhala wahda mill-pjanti approvati bil-permess, li - ghal-finijiet kollha – effettivament tirriproduci id-disinn indikat fil-istess minuted drawing sucitata, izda maqsuma fi tnejn. In oltre, fil-pjanta 103B hemm anke dettal ta’ spakkat u kif inhuma proposti li jsiru x-xatba u r-railings li jikkonfinaw dan l-ispazju pubbliku – liema dettalji ma jidhirux fil-minuted drawing prezentata mal-Appell.

Irid jinghad ghalhekk li ghalkemm huwa minnu li l-minuted drawing 92D ma gietx approvata bil-permess, dak li qed jaghmel riferenza ghalieh l-Appellant permezz tas-sottomissjoni tieghu, jirreifletti perfettament dak li hemm indikat fuq il-pjanti approvati, inter alia l-pjanta 103B. Dan ifisser li bhala premessa, l-argument tal-Awtorita’ li l-Appellant bhal donnhu qed jaghmel riferenza ghal-pjanti zbaljati – jew ghal-pjanti li ma gewx ikkonsidrati jew li ma jaghmlux perti mill-permess – ma jreggix.

Lanqas ma jreggi t-tieni (u l-ahhar) argment li ghamlet l-Awtorita', cjoe' li tnaqqis fil-volum ta' zvilupp kif originarjament propost, per se ma jikkostitwixxix material change. L-argumenti li ressaq l-Appellant mhumiex (biss) in kwantu tnaqqis fil-volum ta' proposta, izda tibdil fid-dehra tad-disinn minn kif originarjament kien propost. Dan it-tip ta' aggravju hu sostenut bil-hames subinciz tat-tieni artikolu (definitions) tal-Avviz Legali 514 tal-2010 indikat supra, li jaqra kif-gej:

2. In these regulations, unless the context otherwise requires […]"material change" means:
(e) a substantial change in the external appearance or design;"

Tajjeb li jigi nutat ukoll li kif rielvat mis-sottomissjonijiet tal-Appellant (kopja tad-DPA report anness mal-appell odjern), recentment is-sit kien intlaqat b' avviz biex tieqaf u ta' twettieq (ECF 112/11). Dan qatt ma gie kkontestat jew jirrizulta li saret xi applikazzjoni saratorja ghalieh. Lanqas ma jidher li t-talba odjerna qeda b' xi mod tittenta tissana din l-illegalita'. Dan l-enforcement notice jaqra hekk:

"San Salvatore Tunnel, Marsamxett Street, Belt Valletta: Demolishing [recte demolition] of concrete slab inside tunnel without permit. Minkejja li l-applikazzjoni PA 2228/09 giet irtirata fil- 15 ta' Settembru 2010, qed isir zvilupp minghajr permess li jikkonsisti fi tnehhija ta' saqaf tal- konkos li jinsab fil- mina tas- sur ta' San Salvatur, u dan kollu f' fortizza skedata Grad 1."

Jigi nutat ukoll li ghalkemm issir riferenza ghal din l-illegalita', madankollu l-ebda wiehed mid-Diretttorati jew Kummissjonijiet f' hdan l-Awtorita' ma ghamlu riferenza ghaliha. Lanqas is-Soprindendenza tal-Wirt Kulturali ma sabet oggezzjoni ghal-proposta odjerna, u l-kummenti tal-case officer fid-DPA report gew skartati.

F' ic-cirkostanzi, japplikaw l-Artikoli 14 u 70 u s-Sitt skeda tal-Avviz Legali 514 tal-2010. Il-partijiet rilevanti ta' dawn l-Artikoli li jappartjenu ghal-kaz in ezami, huma s-segwenti:

"14.(1) Minghajr pregudizzju ghall-artikolu 70 u ghas-Sitt Skeda li tinsab mal-Att, meta zvilupp ezistenti fuq is-sit ikun ghal kollox jew biss f'parti illegali, l-Awtorita' ghandha tirrifjuta applikazzjoni ghall-izvilupp li jkollha x'taqsam ma' zvilupp gdid fuq dak is-sit, kemm-il darba li l-izvilupp illegali jkun inkluz ghal sanzjonar u l-izvilupp illegali jkun konformi mal-policies attwali.

70.(1) F' kull kaz li l-Awtorita' ghandha s-setgha taht dan l-Att li taghti permess biex art tigi zviluppata, ghajr fil-kaz ta' zvilupp elenkati fis-Sitt Skeda […]

Is-Sitt Skeda, Artikolu 70
L-Applikazzjonijiet li jaqghu taht id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 70 […]:

2. Applikazzjoni biex tirregolarizza zvilupp fi proprjeta' skedata; jew
3. Applikazzjoni biex tirregolarizza zvilupp li sar wara Mejju 2008 f' area protetta taht id-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att jew regolamenti maghmulin taht dan l-Att."

Fl-ahharnett, jekk ghall-grazzja tal-argument jigu sorvolat l-argumenti mressqa fil-kors tas-smiegh ta' dan l-appell, jibqghu il-fatti li: tissussiti illegalita' f' dan il-post; li din l-applikazzjoni ma' tittentax tissana l-istess illegalita'; u li l-Belt Valletta hi skedata bl-Avviz tal-Gvern 133 tal-2011 u ddesinjata bhala urban conservation area (UCA) w area of high landscape value – harbour fortifications. Dan apparti l-fatt li hi ddesinjata wkoll bhala UNESCO World Heritage Site.

Ghalhekk, in vista tal-konsiderazzjonijiet kollha hawn fuq maghmula, u fuq kollox sabiex ikun konformi mal-policies tal-ippjanar vigenti, dan il-Tribunal qed jiddisponi minn dan l-appell billi jilqa l-istess u jirrevoka il-permess PA 1926/11 kif mahrug mill-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Ambjent u l-Ippjanar, fid-29 t' Awissu 2012.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:
1. L-uniku aggravju tal-perit Briffa quddiem it-Tribunal kien li l-Kummissjoni applikat hazin il-provvedimenti tar-regolamenti fl-Avviz Legali 514/2010 meta talbet li jsiru tibdil ta' pjanti meta l-process kien wasal ghad-decizjoni u l-istess appellant ibbaza t-talbiet tieghu fuq il-pjanti 92D fil-process tal-applikazzjoni. Dan id-dokument ma kienx wiehed approvat mill-Kummissjoni u ghalhekk it-Tribunal kellu jichad l-appell izda minflok l-istess Tribunal ghamel referenza ghal dokument iehor cioe pjanta 103B li gie approvat mill-Kummissjoni u ghadda biex jikkonsidra l-aggravju fuq dan id-dokument. It-Tribunal ma setax ibiddel l-aggravju tal-appell billi jaghmel hu referenza ghal dokument li ma sarx aggravju fuqu u dan jirrendi d-decizjoni nulla;
2. Id-decizjoni tat-Tribunal hi zbaljata fil-ligi ghaliex lanqas iddecieda l-aggravju jekk fil-fatt kienx hemm tibdil fil-proposta bid-dokumenti esebiti ai termini tal-Avviz Legali 514/2010 u jekk fil-fatt it-tibdil jekk jezisti kienx materjali jew le. In oltre naqas li jsegwi l-provvedimenti tar-regolament 6(1) sa (5) meta jinstab tibdil materjali, cioe li l-proposta ta' zvilupp tigi emendata u pubblikata mill-gdid. Tant ma kienx hemm tibdil illi l-propost zvilupp baqa' l-istess;
3. Id-decizjoni tat-Tribunal hi nulla ghax qajjem aggravju li ma tressaqx quddiem l-Awtorita cioe dik li jirrigwarda l-provvedimenti tal-artikolu 70 u 5.6 ta' Skeda 6 tal-Kap. 504. In oltre tali aggravju lanqs japplika ghax hu biss l-iskyline tal-Belt Valletta li hu skedat u certi binjiet izda l-gnien in kwistjoni mhuwiex, u in oltre din l-applikazzjoni mhix intiza li tissana u ghalhekk l-artikolu 70 u s-sitt Skeda ma japplikawx.

**L-ewwel aggravju**

Bla dubju l-pjanta annessa mat-talba tal-appell maghmula mill-perit Briffa kienet wahda li fil-fatt giet superata b'ohra finalment approvata mill-Awtorita ghal finijiet ta' hrug ta' permess. L-appellant jissottometti illi t-Tribunal messu

cahad l-appell billi din il-pjanta ma kellha ebda relevanza ghal fini tal-aggravju cioe li t-tibdil ta' disinn fil-proposta kien jikkostitwixxi bdil materjali ai fini tal-Avviz Legali 514/2010.

Hu minnu illi kif gia inghad minn din il-Qorti, illi t-Tribunal hu marbut jiddeciedi biss l-aggravji mressqa quddiemu u ma ghandux jedd jiddeciedi kwistjonijet mhux imqajma quddiemu. Dan pero mhux il-kaz odjern. L-aggravju ma kienx jirrigwarda l-pjanta per se izda kien jirrigwarda principju legali li tibdil materjali ta' proposta meta l-Awtorita tkun waslet biex tiddeciedi ma jistax isir. Dan kien l-aggravju. L-appellant irrefera ghal pjanta 92D biex juri li dan it-tibdil propost kien wiehed materjali u illi dan it-tibdil gie kunsidrat fl-24 ta' Lulju 2012 mill-Kummissjoni ftit qabel id-decizjoni.

Hu minnu illi din il-pjanta giet superata b'ohra cioe 103B u d-decizjoni nghatat a bazi ta' din il-pjanta fost ohrajn pero t-Tribunal, fil-fehma tal-Qorti gustament, ikkunsidra l-aggravju tal-perit Briffa mill-perspettiva gusta tieghu u fittex li jara jekk effettivament din il-pjanta u l-pjanti li ghaliha ghamel referenza l-perit Briffa kienux jitrattaw l-istess oggezzjoni tal-perit Briffa u jirrizulta li kienu riproduzzjoni tal-istess. Anzi t-Tribunal izid li din l-ahhar pjanta turi dettalji ohra li lanqas jidhru fi 92D. Kien ikun differenti li kieku l-pjanti kienu drawing kompletament differenti ghax ghalhekk it-Tribunal kien ikun ingustifikat li jittratta l-aggravju fuq il-fatti tenut kont li l-aggravju jidentifika certi kambjamenti li l-perit Briffa indika li jikkostitwixxu bdil materjali tal-proposti ta' zvilupp.

L-aktar li jista' jinghad hu illi l-perit Briffa seta' kien aktar preciz u identifka l-pjanta l-aktar ricenti u li fuqha inhareg il-permess milli dik li rrefera ghaliha li giet prezentata biss ftit zmien qabel id-decizjoni. Dan ma jistax jinghad li hu zball izda precizazzjoni li giet korretta mit-Tribunal li ma effettwax il-mertu u sustanza tal-aggravju, ma tikreja ebda pregudizzju lil partijiet billi t-Tribunal ha konjizzjoni biss tal-atti tal-vertenza u saret gustizzja sostantiva bbazata fuq il-ligi. Jigi sottolineat li t-Tribunal tratta l-aggravju propost quddiemu b'mod car ghax il-kwistjoni kienet jekk dak

propost komparat ma' dak eventwalment approvat kienx jikkostitwixxi bdil materjali fl-izvilupp kontra li jiddisponi l-Avviz Legali 514/2010 fi zmien meta dan il-kambjament ma kienx ghadu proponibbli.

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

**It-tieni aggravju**

It-tieni aggravju hu maqsum fi tnejn. Fl-ewwel parti tieghu din il-Qorti ma taqbilx li t-Tribunal ma kkonsidrax jekk kienx hemm tibdil mill-proposta ghal dak approvat u jekk it-tibdil kienx materjali. It-Tribunal ikkonsidra dan meta ssenjala t-tifsira ta' material change skond l-artikolu 2 tal-Avviz Legali 514/2010 u qal li material change ifisser 'a substantial change in the external appearance or design' u implicitament afferma li kien hemm dan it-tibdil ai termini tal-ligi meta skarta l-argument tal-Awtorita li t-tnaqqis fil-volum tal-izvilupp kif originarjament propost ma jikkostitwix material change, u qal li t-tibdil fid-disinn minn kif originarjament propost tenut kont tas-sottomissjoni tal-appellant dwar it-tibdil propost li jsir kien jikkostitwixxi material change. L-intendiment tat-Tribunal kien car anki jekk mhux elokwenti.

Ovvjament jekk fil-fatt il-bdil tad-disinn kien fil-fatt jikkostitwixxi tibdil materjali darba stabbilit li hemm bdil fid-disinn hi kwistjoni ta' fatt mhux sindikabbli mill-Qorti.

Ghalhekk din il-parti tal-aggravju mhix sostenibbli.

L-appellant jissottometti fit-tieni parti tal-aggravju illi t-Tribunal la darba sab li d-disinji proposti kienu jikkostitwixxu material change, allura kellu jibghat l-atti lura lil Awtorita biex terga' ssir in-notifika tal-applikazzjoni mill-gdid, u dan ma sarx. Il-Qorti tqis li dan l-argument ma japplikax ghax it-Tribunal laqa' l-aggravju tal-appellant fl-appell illi l-bidliet materjali saru f'perjodu ta' zmien li jaqbez it-tmien gimghat mill-konvalidazzjoni tal-applikazzjoni u ghalhekk il-bidliet ma kienux ammissibbli ab initio. Il-Qorti tqis li dan jirrizulta minn qari tal-artikolu 5(3)(c) tal-Avviz Legali 514/2010 li jirrendi inaccettabbli

bdil materjali fid-disinji wara tmien gimghat mid-data tal-validazzjoni. Kwindi t-Tribunal ma kellu ebda obbligu jibghat l-atti lura lil Awtorita.

Ghalhekk anki din il-parti tal-aggravju qed tigi michuda.

**It-tielet aggravju**

Dan l-aggravju jisthoqqlu jigi milqugh peress illi t-Tribunal ikkonsidra kwistjoni li l-appellant ma qajjimx bhala aggravju. It-Tribunal hu marbut b'dak li jigi mitlub jikkunsidra qua aggravju kontra decizjoni tal-Awtorita. Ma jistax minn jeddu jqajjem u jiddelibera fuq kwistjoni li ma hux mitlub jirrifletti u jiddeciedi dwarha. It-Tribunal hu organu revizur ta' decizjonijiet tal-Awtorita pero limitat li jirrevedi biss dawk il-kwistjonijiet mressqa quddiemu. F'dan il-kaz l-appell kien wiehed limitat dwar il-bdil fil-proposta li kellu jitqies bdil materjali ai termini tal-Avviz Legali 514/2010 fi zmien meta kien prekluz li jigu kunsidrati tibdil ta' natura materjali fi proposta u li d-disinn ma jirrispettax sit storiku. Dan hu dak li gie mitlub jirrevedi u kwistjonijiet dwar skedar u l-konsegwenzi ta' tali argumenti anki jekk mressqa bhala sottomissjonijet quddiem l-Awtorita jew anki t-Tribunal ma jistghux jigu kunsidrati jekk ma jirrizultawx bhala aggravji ta' appell. Hekk biss tista tinzamm kontroll fuq il-procedura u certezza ghal partijiet dwar il-parametri li fuqu jista' u ghandu jigi deciz l-appell. Jekk it-Tribunal iqis li hemm kwistjoni ta' ordni pubblika li tista' titqajjem ex officio li taffettwa l-validita o meno tad-decizjoni tal-Awtorita u mhux semplicement argument pro jew kontra d-decizjoni tal-Awtorita, ghandu jressaqha quddiem il-partijiet biex dawn ikollhom l-opportunita li jittrattawha u jekk hemm bzonn iressqu provi jekk ikun il-kaz qabel ma jiddeciedi dwarha. Pero kif inghad cirkostanzi simili huma eccezzjonali di natura. Madankollu ghalkemm dan l-aggravju ghandu jigi milqugh u l-kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal f'dan ir-rigward kienu extra petita u ma ghandhom ikollhom ebda rilevanza jew effett fid-decizjoni moghtija, jibqa' l-fatt illi t-Tribunal laqa' l-appell tal-perit Briffa wkoll a bazi tal-aggravju mressaq minnu u li din il-Qorti ma tqis li ghandha tiddisturba kawza biss ta' dan l-

aggravju li qed jigi milqugh li pero ma jinnewtrallizax id-decizjoni tat-Tribunal li l-pjanti mibdula kienu jikkostitwixxu material change li saret fi zmien tal-porcediment meta dan ma kienx permess li jsir.

**Decide**

Ghalhekk in linea ma' dak deciz, il-Qorti qed tichad l-appell tal-appellant u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-2 ta' Mejju 2013. Bl-ispejjez kontra l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------